Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 227 / 2015

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Agius)

vs

**Jonathan Attard**

Illum, 24 ta' Ottubru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Attard , iben Elia u Helen nee Pace , imwieled fid-29 ta' Awwissu, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 192084(M), u residenti 70, Evangelist, Triq Domenico Cachia, B'kara akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Dicembru, 2013 gewwa Hal Qormi:-

1. B'kul mezz ta' xi net work jew apparat tal-komunikazzjoni eletronika ghamel uzu hazin bih.
2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Raisa Micallef b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal din il-persuna u

3. Aktar talli kiser sentenza moghtija lilu mill-Onorevoli Magistrat Dr Saviour Demicoli fit-28 ta' Frar, 2013.

Rat li f'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-28 ta' April, 2015 fl-ismijiet premessi fejn l-appellant gie misjub hati tat tieni akkuza u kkundannat ihallas multa ta €3,493.06 u mhux hati ta l-ewwwl akkuza u gie liberat minnha. L-appellant gie ukoll msijub hati tat-tielet akkuza u ordnat li s-somma ta elf euro imposta ghall-obbligazzjoni fis-entenza datata 28 ta Frar , 2013 tghadi a favur il-Gvern ta Malta.

Ordnat ukoll li fuq l-akkuzi riflessi fis-sentenza ta-sena 2013 Jonathan Attard jerga jitqighed mill illum taht liberazzjoni kunidzzjonata ghal perijodut ta tlett snin mill illum.

Rat ukoll li l-appellant gie marbut b'obbligazzjoni ai termini ta' l-artikolu 383 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta taht penali ta' elfejn euro (€2,000) li bl-ebda mod ma jdejjaq jew jivvesssa li Raisa Micallef ghal perijodu ta' sena mill illum.

L-Qorti spjegat lill-appellant l-import tas-sentenza moghtija u cioe l-import tal-liberazzjoni taht il-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-appellant hass ruhu ingurjat bis-sentenza u ghalhekk interpona appell fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-11 ta' Mejju, 2015 ( fol. 35).

l--appellant jispjega fir-rikors tieghu li huwa kellu relazzjoni extra maritali mal-parte civile Raisa Micallef u minn din ir- relazzjoni twiedet tifla. Ir- relazzjoni taghhom qatt ma kienet wahda tajba izda wahda mimlija piki. Jinghad li l-unika rabta li illum hemm bejn il-kontendenti hi li l-parte civile tircievi messaggi dwar bintha minghand l-appellant

L-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li r-reat ta' fastidju jehtieg *a course of conduct* u l-akkuzi kif dedotti ma kellhomx dan l-element u in oltre fil-mertu il-fastidju *per se* ma

jissustix u ma giex pruvat u ghaldaqstant ma setghetx tinstab htija ta' dan ir-reat fil-konfront tal-appellanti u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant .

Fit-tieni lok il-piena inflitta hija wahda eccessiva u esagerata meta wiehed jikkunsidra l-offiza u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta Lulju 2019 ( fol. 95) fejn din il-Qorti irrilevat ex ufficcio li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-28 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla u dan ghaliex l-Qorti qabdet u minn rajha tat sentenza wahda meta quddiemha kellha zewg processi minkejja li kienu kontra l-istess appellant l-akkuzi kienu differenti u ghalhekk kient stiednet lill-partijeit jittrattaw din in-nullita fis-seduta sussegwenti.

Illi nhar l-24 ta Settembru 2019 il-partijiet irrimettu ruhhom ghall- gudizju tal- Qorti.

Ikkunsidrat.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tat-28 ta April 2015, il-Qorti qabdet zewg kawzi li kienu qed jinstemghu quddiemha kontra l-istess appellant u tat sentenza wahda fuq l-provi li kienu gew mismugha fiz-zewg kawzi b'mod separat u distint. Minn ezami taz-zewg processi ma jidher minn imkien li l-ewwel Qorti kienet ordnat la li x-xhieda li tinstema f'kawza wahda tapplika ghall-kawza l-ohra u lanqas li ghandhom jinstemghu flimkien sabiex tinghata sentenza wahda. Fil-fatt iz-zewg kawzi instemghu b'mod distint minn xulxin u jirrizulta mill-verbali li jinsabu fiz-zewg processi separati li iz-zewg kawzi kienu gew differiti ghas-sentenza independetement minn xulxin. Kien tabilhaqq biss li meta l-appellant deher sabiex jinghata iz-zewg sentenzi, li l-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza wahda. Ma jirrizulta minn imkien lanqas li kien hemm xi korrezzjoni f'kawza wahda minnhom sabiex izzid il-perijodu tal-allegat fastidju li inghata lill-kwerelant sabiex l-prosekuzzjoni ikollha l-*course of conduct* mehtieg sabiex din l-akkuza kif disposta fl-artikolu 251 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tigi provata.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Issa fil-kaz in esami jirrizulta li l-ewwel Qorti nizlet fis-sentenza taghha akkuza li tirreferi ghal zewg dati separati u cioe' nhar l-14 ta' Dicembru 2013 u nhar is-6 ta' Dicembru 2013 meta in effetti dawn iz-zewg dati kienu jirreferu ghal zewg kazijiet separati u ghalhekk l-ewwl Qorti ma setghetx a sua braccia taqbad u takkolji id-dati hi stess sabeix b'hekk tirrizultalha l-*course of conduct* mehtieg ghall-esistenza tar-reat kif disposta fl-artikolu 251A tal-Kap 9. L-ewwel Qorti kellha taghti zewg sentenzi la kien hemm zewg processi u f'kul sentenza tghid il-fatti li taghom tkun qed issib il-htija u taghti l-piena relattiva wahda li ssemmi l-artikolu tal-kodici li jikkontempla r-reat li tieghu instab hati.

Dil-Qorti ma ghandiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qieghda tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iz-zewg kawzi jigu trattati u decizi b'mod independenti minn xulxin u ghalhekk qeda tpoggi lill-appellant fl-istess posizjoni li kien qabel ma inghatat is-sentenza li qed tigi annullata u cioe dik tat_28 ta' April 2015.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur